**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***<u>Kump.519/00</u>***

***Pulizija***
***Sp. Silvana Agius***
***v***
***Anthony Attard***

Illum 23 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***<u>Akkuzi</u>***
Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Anthony Attard huma bazati fuq ir-reati ta' **Korruzzjoni ta' minorenni**, kif ukoll ir-reat ta' **Offiza kontra l-pudur pubbliku** – *fil-21 ta' Lulju 2000.*

***<u>Kwadru tal-Fatti</u>***
Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fil-21 ta' Lulju 2000 meta tlett tfajliet kienu qeghdin ghaddejjin minn fuq il-bankina fi triq f' Hal Qormi, wahda minnhom innotat li go karrozza li kienet mal-bankina taghhom u li kienet startjata kien hemm ragel fuq is-seat tas-sewweiq li kellu l-parti privata tieghu barra mis-shorts u kien ijilghab b' din il-parti. Din gibdet l-attenzjoni ta' shabha u dawn meta raw hekk, bezghu u haffew il-pass u wkoll qassmu t-triq, izda dan ir-ragel baqa' isegwihom bil-vettura tieghu, ihares lejhom u jmiss il-parti tieghu li kienet barra l' qalziet. F' hin minnhom dana, minn gol-vettura, staqsihom fejn kien hemm telephone-box , izda dawna ma tawx kasu, u wahda minnhom haditlu n-numru tal-vettura.

Peress li ma kiellhomx lapes u karta fuqhom, huma dahhlu go hanut tal-'grocer' u wara li qalu lill tal-hanut x' gara dina tathom biex inizzlu n-numru tal-vettura, u imbaghad baqghu sejrin l-ghassa jghamlu rapport.

Illi mix-xhieda tat-tfajliet irrizulta li wahda kellha 11 il-sena u ohra kellha 12 il-sena. It-tielet wahda ma xehditx kemm kellha eta'.

Illi fattur importanti li rrizulta sodisfacentement provat mill-provi huwa li **t-tlett tfajliex kien mbezzghin u skonvolti** – kemm meta dahhlu ghand tal-hanut sabiex jiktbu n-numru, kif ukoll quddiem l-Ispettur tal-pulizija meta ghamlu r-rapport. **Dan kien fi spazju ta' <u>ftit minuti</u> wara l-incident**. Di fatti skond Doris Zahra, sid il-hanut, meta t-tfal dahhlu ghandha *"kienu imwerwrin"(fol.81).* Inoltre, l-Ispettur Silvana Agius xehdet li meta kienu l-ghassa *"Din it-tifla (l-izaghar fosthom) kienet imwerwra hafna, fil-fatt meta haditlha l-istatement anke bdiet tibki. L-ohrajrn kienu mwerwrin, imma mhux daqs kemm kienet din iz-zghira" (fol.29).*

***<u>L-imputat</u>***

Dana fl-istqarrija tieghu u fid-deposizjoni tieghu quddiem din il-Qorti, cahad konsistentement l-allegazzjonijiet li kienu ghamlu dawn it-tlett ibniet fil-konfront tieghu, huwa qal li kien staqsihom biss minn fejn setgha jixtri telecard.

***<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>***

Illi din il-Qorti, wara ezami rett tal-provi, hija tal-fehma li ghandha tghati affidament ghall-versjoni tat-tfjaliet u taccettaha bhala veritiera fl-intier taghha. Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma x-xhieda taghhom *'viva voce'* u m' ghandhiex dubbju dwar il-veracita' tal-versjoni taghhom. Din il-konkluzjoni ssib konfort **<u>wkoll</u>** fl-istat ta' agitazzjoni li manifestament kienu fih dawn it-tfal **<u>ftit minuti</u>** wara l-incident – kemm meta dahhlu fil-hanut kif ukoll meta kienu fl-ghassa qed jkellmu lill-Ispettur.

Ir-reat ta' *Korruzzjoni ta' minorenni* jikkonfigura ai termini tal-Artikolu 203 Kap.9 Dan ir-reat mmatura malli l-imputat hareg il-parti privata tieghu quddiem il-minorenni, u di piu' qaghad jilghabih b' din il-parti. Dan huwa l-att libidinuz korruttorju li, kommess fil-presenza ta' minuri, jikkonkretizza l-aspett materjali tar-reat.

Illi in vista ta' sottomissjonijiet tad-difiza l-Qorti thoss opportun li tghamel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi huma minnu li l-prosekuzjoni naqset li tesebixxi **c-certifikati tat-twelid** tat-tfal in kwistjoni biex tipprova l-eta' taghhom. Din kienet tkun l-ahjar prova ufficjali; imma l-Qorti tifhem li xorta wahda dan il-fattur tal-eta' jista' jirrizulta sodisfacentement provat skond il-ligi minn provi ohra, bhal mar gara f' dan il-kaz.

Il-Qorti tosserva li tnejn mit-tfal li xehdu sostnew fix-xhieda taghhom li l-etajiet taghhom kienu **11 u 12 il-sena**. Din hija prova valida li l-Qorti tista' tistrih fuqha jekk hija sodisfatta li x-xhieda qalu il-verita'. ***Multo magis***, meta dan l-element ta' prova isib **konfort ampju** fl-istatura u l-aspett fisiku tal-minorenni. Altru li l-Qorti jkollha quddiemha tfajla ta' sittax jew sbatax il-sena u li allura jkun perikoluz hafna u inaccettabbli li l-Qorti sserrah l-konkluzjoni taghha fuq l-aspett fisiku, u altru, bhal fil-kaz prezenti, meta l-Qorti ghandha quddiemha tfal ta' 11 u 12 il-sena – *meta l-eta' tenera taghhom tkun daqshekk manifesta*.

Illi in kwantu ghas-sottomissjoni tad-difisa li ma gietx esebita l-kwerela tal-parti civili, il-Qorti tghamel referenza ghall-Artikolu 309(5) u l-proviso tal-Artikolu 373 Kap.9.

Illi in vista tal-premessi konsiderazzjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li f' dan il-kaz jikkonfigura r-reat ta' Korruzzjoni ta' minorenni da parti tal-imputat kommess fil-konfront tat-**tnejn** mit-tlett ibniet. Rigward it-tielet tifla, il-Qorti tosserva li **minn imkien** ma jirrizulta l-eta'; taghha, u ghalhekk in mankanza ta' din il-prova, ir-reat in disamina ma jistax jikkonfigura fil-konfront taghha.

Illi rigward it-tieni akkuza, il-Qorti tosserva li din hija bazata, fuq reat residwali, u cioe' li jista' jikkonfigura biss fl-assenza ta' xi reat kontemplat fis-sub-titolu *"Fuq id-Delitti kontra l-Paci u l-Unur tal-Familji, u kontra l-Morali.* li tahtlu jaqa' r-reat ta' Korruzzjoni ta' Minorenni. Ghaldaqstnat, gia la darba fil-kaz in disamina mmaterjalizza dan tal-ahhar, allura ma jistax jikkonfigura r-reat kontemplat fl-artikolu 209 Kap.9 bil-konsegwenza li din l-akkuza hija insostenibbli.

***Piena***

In propositu ghall-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali nadifa tal-imputat, mill-banda l-ohra ma tistax tinjora l-gravita' tar-reat kommess. Ghaldaqstant, filwaqt li thoss li ghandha tapplika piena ta' deterrent, hija tal-fehma li l-fedina penali tal-imputat tirrendi piena pekunjarja aktar xierqa u opportuna minn din karcerarja, u f' dan il-kaz tkun ta' deterrent adegwat ghall-futur.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza ai termini tal-artikolu 203 Kap.9 u b' applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-istess Kap., tikkundannah ghal ***piena ta' multa fl-ammont ta' sitt mitt lira maltin (LM600).***

Ma ssibux hati tat-tieni akkuza u tilliberah minnha.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***